**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M.PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

Illum 4 ta' Lulju 2001.

Pulizija
Spettur Geoffrey Azzopardi

Vs

Jesmond Musu.

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Jesmond Musu ta' 37 sena, iben Joseph u Josephine nee' Cremona, imwieled Floriana, fil-31 ta' Dicembru 1963 u residenti Flat 9, Ta' Zwejt, Binja Gublew tal-Fidda, Ent. D, San Gwann, detentur ta' karta tal-identita' bin-numru 95364M;

Talli fil-11 ta' Frar, 2001, ghall-habta tat-3.00pm fil-Mosta, waqt stagun maghluq tal-kacca ta' ghasafar minn fuq l-art, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tieghu, jew kellu f'idejh jew fuqu, arma tan-nar u cioe' senter tal-kacca ta' l-ghamla Luigi Franchi bin-numru tas-serje P15439 barra minn fond jew post li jaghmel mieghu;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi garr arma tan-nar u cioe' s-senter imsemmi, minghajr licenza valida mahruga mill-Pulizija;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded lil Michael Cutajar bil-kliem "Jien mignun u naghmel wahda minn tieghi u mmur ingib is-senter".

Wara li rat l-Artikoli 3(1A) tal-Kapitolu 66, kif ukoll A.L. 146/1993, Art 7(1) kif ukoll l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 338;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat ma' thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imsemmi Jesmond Musu' hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih mill-Prosekuzzjoni.

Fir-rigward tal-piena din il-Qorti qeghda tikkundanna lill-istess imputat ghall-hlas ta' mitt lira maltin (Lm100) multa fuq l-ewwel (1) akkuza, kif ukoll filwaqt li ssibu hati tat-tieni (2) u t-tielet (3) akkuzi, qeghda tilliberah bil-kondizzjonijiet li ma' jaghmilx reat iehor fiz-zmien tlett (3) xhur mil-lum, a tenur tal-artikolu 9 tal-kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

MAGISTRAT.